MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2012

Numru. 1153/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR TONY CACHIA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**
**SPETTUR JONATHAN RANSLEY**

**VS**

**MATTHEW CAMILLERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Matthew Camilleri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 529286 (M).

**Akkuzat talli:**

1. Fid-19 ta` Settembru, 2012, ghal habta ta` bejn id-disgha nieqes kwart ta` filghodu (08:45hrs) u s-siegha u kwart (13:15hrs) ta` wara nofs in-nhar ikkommetta serq minn gewwa r-residenza numru 80, Flt 3, Triq Tigne, Sliema, ghad-deteriment ta` Gloria Smith u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix is-somma ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara fuq il-bieb principali tar-residenza numru 80, Flt 3, Triq Tigne, Sliema, ghad-deteriment ta` Gloria Smith u/jew persuna/i ohra liema hsara hija izjed minn mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

3. U aktar talli fil-5 ta` Ottubru, 2012, bejn it-tlieta u ghaxra (15:10hrs) ta` wara nofs in-nhar u l-hamsa u nofs (17:30hrs) ta` filghaxija ikkommetta serq minn gewwa r-residenza 15, The Shack, Triq it-Turkija, Naxxar ghad-deteriment ta` Joseph Fenech u Christiane Querfurth-Fenech u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-valur li jeccedi s-somma ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli u immobli, meta ghamel hsara fuq il-bieb principali ta` residenza 15, The Shack, Triq it-Turkija, Naxxar, ghad-deteriment ta` Joseph Fenech u Christiane Querfurth-Fenech u/jew persuna/i ohra, liema hsara hija izjed minn mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

5. U aktar talli fl-istess data, ghal habta tal-erbgha u tliett minuti (16:03hrs) ta` wara nofs in-nhar minn go l-ATM tal-bank BOV li hija sitwata f'Santa Venera permezz ta` *Visa Card* ikkommetta serq ta` sebgha u hamsin ewro (€750) flus kontanti ghad-deteriment ta` Joseph Fenech liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi

s-somma ta` mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94);

6. U aktar talli fl-10 ta` Ottubru, 2012, bejn is-siegha u nofs (13:30hrs) ta` wara nofs in-nhar u s-sebgha (19:00hrs) ta` filghaxija kkommetta serq minn gewwa r-residenza Valley Garden, Flt 1A, Triq il-Baltiku, San Giljan, ghad-deteriment ta` Denisa Vladu Florentina u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-valur li jeccedi s-somma ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara f'tieqa ta` residenza Valley Garden, Flt 1A, Triq il-Baltiku, San Giljan, ghad-deteriment ta` Denisa Vladu Florentina, liema hsara hija izjed minn mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

8. U aktar talli fid-19 ta` Ottubru, 2012, bejn it-tmienja nieqes kwart (07:45hrs) ta` filghodu u d-disgha u ghoxrin (09:20hrs) ta` filghodu ikkommetta serq minn gewwa r-residenza numru 6, Dancer's Place, Triq Manoel Vilhena, Birkirkara, ghad-deteriment ta` Rene` u Caroline Bartolo u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-valur li jeccedi s-somma ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

9. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara f'tieqa ta` residenza numru 6, Dancer's Place, Triq Manoel Vilhena, Birkirkara, ghad-deteriment ta` Rene` u Caroline Bartolo u/jew persuna/i ohra, liema hsara hija izjed minn mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

10. U aktar talli fit-2 ta` Novembru, 2012, ghal habta tas-sebgha nieqsin ghaxra (06:50hrs) u t-tmienja (08:00hrs) ta` filghodu minn go residenza numru 2, 20 ta` Jannar,

Triq is-Sajf, Mosta, ikkommetta serq ta` flus u oggetti ta` gojjellerija tad-deheb liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) bil-lok u bil-mezz ghad-deteriment ta` Mary Saliba, Sebastian Saliba u/jew persuna/i ohra;

11. U aktar talli fl-istess data, bejn is-sebgha nieqes ghaxra (06:50hrs) u t-tmienja nieqes ghaxra (07:50hrs) ta` filghodu volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli u immobli, meta ghamel hsara fuq tieqa ta` residenza bl-isem Orthensia, Triq Valletta, Mosta, ghad-deteriment ta` Andrea Ciappara u/jew persuna/i ohra, liema hsara hija izjed minn mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

12. U aktar talli fl-istess data, ghal habta ta` nofs in-nhar nieqsin ghoxrin (11:40hrs) minn go residenza bl-isem ta` Azelea fi Triq A. Durer, Attard, ikkommetta serq ta` diversi oggetti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) bil-lok u bil-mezz ghad-deteriment ta` Saviour Cauchi, Paula Cauchi, Kenneth Cauchi u/jew ta` persuna/i ohra;

13. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara fuq il-bieb principali tar-residenza bl-isem ta` Azelea fi Triq A. Durer, Attard, ghad-deteriment ta` Saviour Cauchi, Paula Cauchi, Kenneth Cauchi u/jew ta` persuna/i ohra liema hsara hija izjed minn mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

14. Matul ix-xhur ta` Ottubru u Novembru ,2012, xjentement f'Malta laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudin b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghu jew imexxu dawn l-oggetti;

15. U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, b'diversi sentenzi

moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittiv u ma jistghawx jigu mibdula;

16. U aktar talli kiser il-provediment ta` l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta permezz ta` sentenza datata l-20 ta` Frar, 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta` htija titratta lill-imputat Matthew Camilleri li kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D., f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta` natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta` htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Matthew Camilleri u tordna l-arrest mill-gdid ta` l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma bhala garanzija personali imposta mill-Qorti jgaddu favur il-Gvern ta` Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u t-trattazzjoni bejn il-partijiet;

Rat il-Fedina Penali tal-imputat Matthew Camilleri;
Wara li l-Qorti rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 278, 279, 49, 50, 289, 579 (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni ma

jhallu l-ebda alternattiva lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi attribwiti lilu mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti wara li rat l-atti u semghet ix-xhieda, kien jirrizulta li dan ir-reat kien wiehed kontinwat, giet innotata wkoll l-ammissjoni bikrija tal-imputat, u wkoll il-kooperazzjoni shiha tieghu mal-Pulizija f'dawn il-proceduri.

Fil-konfront tal-imputat rigwardanti l-akkuzi numru 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, u 15, din il-Qorti tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta' prigunerija effettiva ta' sentejn (2) u dan wara li l-Qorti hasset li kellha tapplika l-Artikolu 21 tal-Ligijiet ta' Malta li tawtorizza diminuzzjoni tal-piena karcerarja minhabba c-cirkostanzi specjali u straordinarji li jinkludu wkoll il-kooperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija li wasslet sabiex jigu solvuti sensiela ta' serqiet.

Il-Qorti qieghda inoltre ssib lill-imputat hati ta' ksur ta' *probation* inflitta fuqu minn Qorti kompetenti u minhabba dan tikkundannah ghal estenzjoni tal-perjodu tal-*probation* ghall-tlett (3) snin ohra.

Din il-Qorti ssibu wkoll hati talli kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin Euro (Euro250) u tirrakkomanda lill-Awtoritajiet karcerarji sabiex kemm jista` jkun malajr l-imputat jibda jsegwi programm ta' riabilitazzjoni sabiex jehles mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------